KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Tlettax (13)***

***Il-Ħamis, 13 ta' Frar, 2020***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa ta' filgħaxija (5:00pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| IL-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANDREAS GATT |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

## 13.1 Qari tal-ittri ta' apologiji

13.1.1 Tressqet ebda ittra ta' apologija.

## 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

13.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 11 li nzammet nhar it-Tlieta, 14 ta' Jannar, 2020.

13.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 11 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

13.2.3 **Mozzjoni 13-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 11.

Proponent: Il-Kunsillier Andreas Gatt

Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

Il-Minuti Numru 11 gew approvati unanimament.

13.2.4 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 12 li nzammet nhar it-Tlieta, 28 ta' Jannar, 2020.

13.2.5 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 12 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

13.2.6 **Mozzjoni 13-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 12

Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Sekondant: Il-Kunsillier Rose Agius

Il-Minuti Numru 12 gew approvati unanimament.

## 13.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

### *A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 13 (08) – Jannar - Frar 2020*

13.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 13(08) biċ-ċekkijiet numru 6877 sa 6910 li tammonta €23,037.72

13.3.2 **Mozzjoni 13-03**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 13(08) bl-ammont ta' €23,037.72

Proponent: Il-Kunsillier Andreas Gatt

Sekondant: Il-Kunsillier Rose Agius

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 13(08) giet approvata unanimament.

**13.4** ***Mizura 4.3***

13.4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li bdejna l-process sabiex jibda jithallas il-kuntrattur li ghamel iz-zewg toroq that din il-mizura.

13.4.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-ARPA mhix qed tapprova id-decizjoni tal-Kunsill li jmur fuq it-tieni bidder wara li l-ewwel bidder, li kien iffirma il-kuntratt, m'onorahx u x-xoghol baqa ma bediex. Ghaldaqstant gejna nfurmati li l-ARPA tista ma tkunx f'pozizzjoni li tirrifondi lura l-hlas ghal Triq Has-Saptan u ghaldaqstant il-Kunsill ikun irid ihallas lill-kuntrattur direttament mill-fondi tal-Kunsill.

13.4.3 Is-Segretarju Ezekuttiv ipproponiet li l-Kunsill jara x titlob il-ligi meta kuntrattur ma jonorax il-kuntratt li jkun iffirma u ghaldaqstant se tkun qed tkellem l-Avukat tal-Kunsill sabiex jiggwidana.

13.4.4 Ghaldaqstant il-Kunsill se jkun qieghed jistenna risposta kemm minghand l-ARPA u kemm minghand l-avukat sabiex inkunu nistghu nipprocedu.

13.4.5 Il-Kunsill ippropona ukoll li ssir laqgha mal-ARPA sabiex niddiskutu din is-sitwazzjoni.

**13.5** ***Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2019***

13.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv tat rendikont tal-kontenut tar-Rapport Amministrattiv 2019 wara li dan tqassam minn qabel u ghaldaqstant unanimament gie kkunsidrat bhala moqri.

13.5.2 Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2019.
Ir-Rapport Amministrattiv 2019 gie approvat unanimament.

*F'dan l-istadju tal-laqgha attenda l-Accountant tal-Kunsill*

**13.6 Approvazzjoni tal-Budget 2020 u Business Plan 2020-2023**

13.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-Budget 2020

13.6.2 L-Accountant tal-Kunsill ta spjegazzjoni tal-figuri li hemm imnizzla fil-Budget 2020 u s-Segretarju Ezekuttiv spjegat il-progetti li huma pjanati li jsiru din is-sena.

13.6.3 Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Budget 2020.

13.6.4 Il-Budget 2020 gie approvat unanimament.

*Il-Business Plan 2020-2023 se jitressaq fil-Laqgha tal-Kunsill li jmiss.*

**13.7 Approvazzjoni Quarterly Report October – December 2019**

13.7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, ir-Rapport tal-ahhar kwart tas-sena: Ottubru sa Dicembru 2019.

13.7.2 L-Accountant tal-Kunsill ta spjegazzjoni tal-figuri li hemm imnizzla fir-Rapport tal-ahhar kwart tas-sena: Ottubru sa Dicembru 2019.

13.7.3 Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tar-Rapport tal-ahhar kwart tas-sena: Ottubru sa Dicembru 2019.

13.7.4 Ir-Rapport tal-ahhar kwart tas-sena: Ottubru sa Dicembru 2019 gie approvat unanimament.

**13.8 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements 2019**

13.8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, l-Estimi Annwali ghas-sena 2019.

13.8.2 L-Accountant tal-Kunsill ta spjegazzjoni tal-figuri li hemm imnizzla fir-Rapport tal-*Financial Statements 2019*.

13.8.3 Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-*Unaudited Financial Statements 2019*.

13.8.4 L-*Unaudited Financial Statements 2019* gew approvati unanimament.

**13.9 Karnival 2020**

13.9.1 Is-Segretarju Ezekuttiv tkellmet dwar il-permessi ghall-gabbani li fis-snin precedenti inhargu fi Vjal il-Labour. Minhabba li din is-sena se jkunu qeghdin jghaddu l-karrijiet, il-Kunsill qabel li l-gabbani ghandhom jarmaw fi Triq Gio M. Farrugia.

13.9.2 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li fi Triq G. M.Farrugia hemm bzonn ukoll isir il-*clearance* mill-karozzi filwaqt li il-Gimgha jrid isir *clearance* mill-karozzi minn Santu Rokku sal-Pjazza

13.9.3 Rigward l-incentiv li jinghata lil min jaghmel karru ghall-attivita', il-Kunsill qabel li jinzamm l-ammont ta' €200.

**13.10 <u>Korrispondenza</u>**

13.10.1 Tressqet korrispondenza dwar il-Laqgha Generali Annwali tar-Regjun fejn il-Kunsilliera kollha ikkonfermaw li se jattendu.

13.10.2 Rigward it-tender tal-Works Manager is-Segretarju Ezekuttiv staqsiet dwar jekk it-talba ghandiex tkun ghall-persuna kwalifikata. Il-Kunsill qal li m'ghandux ghalfejn jitlob li l-persuna tkun kwalifikata, izda li l-persuna tkun hadmet fis-settur u li ssir intervista mal-Kunsill qabel jigi mpjegat.

13.10.3 Tressqet korrispondenza dwar sessjoni ta' tahrig fuq l-Evalwazzjoni tat-tenders li se ssir ghall-Kunsilliera. Il-Kunsilliera kollha ikkonfermaw li se jattendu.

13.10.4 Tressqet korrispondenza ghal talba sabiex isir parkegg ta' mutur fi Triq Santa Tereza. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

13.10.5 Tressqet kwotazzjoni sabiex titwahhal bozza fi Sqaq San Mikiel. L-ispiza hija ta' €745.02. Il-Kunsill approva.

13.10.6 Tressqet kwotazzjoni sabiex issir trinka ghad-dranagg tal-Klabb tal-Bocci. L-ispiza hija ta' €9063 + VAT. Il-Kunsill m'approvax din l-ispiza.

13.10.7 Tressqet korrispondenza dwar dawl ghall-funtana. Il-Kunsill ma qabilx li jsir id-dawl kif gie indikat fil-kwotazzjoni mill-kuntrattur tal-bandli. Il-Kunsill qabel li ssir l-istruttura u d-dawl isir wara.

13.10.8 Tressqet kwotazzjoni sabiex jinxtara mutur tal-hart. Il-Kunsill approva.

13.10.9 Tressqet korrispondenza sabiex jitwahhlu tabelli 'Share the Road' fi Triq Santa Marija. Il-Kunsill approva.

*F'dan l-istadju tal-Laqgha, il-Kunsill aggorna l-kontinwazzjoni tal-materji ta' fuq l-Agenda ghal nhar l-Erbgha 19 ta' Frar 2020 fil-5.30pm*

Il-Laqgha ntemmet fit-8.45pm

_________________________
Fiona Cutajar
Segretarju Ezekuttiv

_________________________
ikkonfermati
Darren Abela
Sindku